MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru 790/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN J GATT**

**VS**

**CARMEL VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Vassallo, bin Ezekiel u Doris Portelli, imwieled Tal-Pieta', nhar l-24 ta' Jannar, 1971, residenti fil-fond numru 15, Sqaq il-Qajjied, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 73871(M);

1. Akkuzat talli nhar l-14 ta' April, 2005 u fil-jiem ta' qabel, gewwa Tas-Sliema, impjega jew ta xoghol lill-persuni li ma kinux persuni ezenti, u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew

xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li impjega persuni full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol jew Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110/1993 (3 sa 10).

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammmissjoni tieghu.

Rat id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 3 sa 10 tal-Avviz Legali 110/1993.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghed ssib lill-imsemmi imputat Carmel Vassallo hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' hames mitt lira maltin (Lm500.00), pagabbli fi zmien ghaxar (10) xhur, f'pagamenti ta' Lm50.00 (hamsin lira maltin) fix-xahar, ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------